Kunsill Lokali L-Imsida
Pjazza Menqa, Msida
tel:21334343
www.msidalocalcouncil.com

# MINUTI
# Laqgħa tal-Kunsill Lokali L-Imsida
# IS-SEBAT LEĠISLATURA
# Laqgħa Numru 78
# It-Tlieta 10 ta' Lulju 2018

Il-Kunsilli Lokali l-Imsida ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Pjazza Menqa, l-Imsida, fis-5.30 p.m.

## PREŻENTI:

Margaret Baldacchino Cefai – Sindku
Charles Selvaġġi – Kunsillier
Romina Galea – Kunsillier
Emanuel Brincat – Kunsillier
Maurice Agius – Kunsillier
Lino Bartolo - Kunsillier

## ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Dr.Alex Sciberras – Viċi Sindku
Alan Abela Wadge – Kunsillier
Matthew Agius – Kunsillier

## ASSENTI

## UFFIĊJAL PREŻENTI:

Alan Vella – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai ippresediet l-laqgħa.

**78.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

78.1.01 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella qara l-ittri ta' apoloġija tal-Kunsillier Alex Sciberras li talab li jkun skużat minħabba raġunijiet ta' xogħol.

78.2.02 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella qara l-ittri ta' apoloġija tal-Kunsillier Alan Abela Wadge li talab li jkun skużat minħabba raġunijiet ta' xogħol.

78.3.03 Il-kunsilliera preżenti aċċettaw l-ittri ta' apoloġiji.

78.4.04 Nota : Waqt il-laqgħa Il-kunsillier Matthew Agius bagħat nota li ma rax in-notifika fil-hin minħabba li din intbagħtet ġurnata qabel u talab li jkun skużat.

**78.2 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

78.2.01 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill-kunsilliera preżenti li il-kuntrattur tal-knis SRF cleaning services bagħat notifika < 78.1.01 > li se jkun qed iwaqqaf is-servizz mill 14 ta'Lulju 2018 hawn spjegat minħabba li it-tender ġie aġġudikat lill kumpanija oħra u għadhom ma għaddewx l-10 ġranet tal-appell ma'jistax jingħata il-kuntratt ġdid fejn jista' ikun hemm wkoll possibilità li- l-aħjar offerta ma' taċċettax il-kuntratt jitwal in-numru ta ġranet sakemm jingħata il-kuntratt ta'Tender. Wara li saret konsultazzjoni ma' dipartiment ġiet preparata sejħa għal stimi biex ikun jista' jingħata kuntratt dirett ta' ' xagħar sakemm ikun lest il-proċess ta' tender u jibqa' għaddej is-servizz tal-knis matul il-festa.

Il-kunsilliera preżenti iddiskutew u approvaw li fiċ-ċirkostanzi dan id-direct order għandu jingħata lill orħos offerta u li l-kuntrattur SRF cleaning services li ħoloq din is-sitwazzjoni ma għadux jiġi kunsidrat f'dan il-każ.

**78.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħa tal-Bord tal-għażla għal Mertu Msida.**

78.3.01 Is-Segretarju Eżekuttiv ppreżenta fuq il-mejda ir-rapport < 78.8.01> u rakkomandazzjoni tal-bord tal-għażla bejn żewġt nomini li jikkwalifikaw għal mertu Msida għal approvazzjoni tal-kunsill.
Il-Kunsillier Emanuel Brincat talab biex ma jieħux sehem fid-diskussjoni minħabba li kien għamel nominazzjoni għal wieħed mill kandidati.
Il-kunsilliera preżenti iddiskutew u approvaw Ir-rakkomandazzjoni tal-Bord.

**78.4 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

78.4.01 Il-laqgħa intemmet fis 06:10 pm u ġiet aġġornata kif miftiehem fis-seduta L7-77 għal 31 ta'Lulju 2018 fil-05:30 pm

**Minuti konfermati, illum 31 ta' Lulju 2018**

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Margaret Baldacchino Cefai<br>Sindku | Alan Vella<br>Segretarju Eżekuttiv |